**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 112/09**

**Illum: 4 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Grace Cini**
**(ID 200971(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata Grace Cini[1] ta' 40 sena, bint Joseph w Giovanna nee` Azzopardi, imwielda l-Pieta` fis-16 ta' April 1971, residenti 'Maple Court', Maisonette No. 2, Triq Ċensu Tanti, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identita` 200971(M);

Billi akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Novembru 2007 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data[2]:

[1] Isem l-imputata, oriġinarjament Grace Catania nee` Cini, ġie korrett permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Jannar 2010.
[2] L-imputazzjonijiet odjerni ġew emendati billi ġiet miżjuda l-imputazzjoni (a), liema żieda ġiet awtorizzata b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Novembru 2011.

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tagħha;

c) Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tagħha;

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputata Grace Catania nee` Cini talli:

(i) Għamlet reat kriminali fit-terminu operattiv ta' sentenza ta' ħabs sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera fil-15 ta' Frar 2006, fejn l-imputata kienet misjuba ħatja u kkundannata sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin;

(ii) Kif ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, il-partijiet eżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mismugħa sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduti tad-9 ta' Jannar 2017 u tas-7 ta' Novembru 2018, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qegħda tirtira l-imputazzjoni mmarkata (i) stante illi s-sentenza ta' priġunerija sospiża hemmhekk indikata nġiebet fis-seħħ;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018, l-imputata rreġistrat ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed biex terġa' tikkunsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, illi minkejja li l-ammissjoni tal-imputata ċertament ma kinitx waħda bikrija, l-imputata kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, tant illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2012, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi hija għandha tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, għalkemm fit-trattazzjoni finali tagħha l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata għandha tibbenefika minn tnaqqis ta' żewġ gradi fil-piena, madankollu r-raġuni mogħtija għal dan mill-Prosekuzzjoni kien illi l-imputata tant ikkoperat mal-pulizija li kienet hija stess illi wriethom fejn kienet moħbija d-droga. Fil-waqt illi l-Qorti naturalment tieħu in konsiderazzjoni din il-kooperazzjoni tal-imputata għall-fini ta' piena, biss ma nġabux provi u lanqas ma saru dikjarazzjonijiet li jagħtuha raġunijiet suffiċjenti sabiex tnaqqas il-piena b'żewġ gradi minflok bi grad. Il-Qorti qegħda għalhekk tnaqqas il-piena bi grad in kwantu priġunerija, u b'terz in kwantu l-piena pekunjarja.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputata kif aġġornata sa Diċembru 2015, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar tlajjar għal skopijiet immorali jew ta' prostituzzjoni tlettax-il darba, dwar pussess ta' droga darbtejn u dwar traffikar ta' droga eroina f'okkażżjoni waħda, dwar reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta f'ħames okkażżjonijiet, dwar falsifikazzjoni ta' flus u assoċċjazzjoni ma' persuna/i oħra sabiex tikkometti delitt, serq aggravat u sempliċi, falfsifikazzjoni ta' dokumenti u frodi, kif ukoll talli offendiet il-pudur jew il-morali tal-pubbliku. Dwar dawn ir-reati, l-imputata ingħatat diversi drabi liberazzjoni kundizzjonata u f'żewġ okkażżjonijiet anke inkundizzjonata, twissija jew twiddiba f'ħames okkażżjonijiet, diversi pieni pekunjarji, sentenza ta' priġunerija sospiża tliet darbiet u piena ta' priġunerija fi tliet okkażżjonijiet.

Tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ ossia illi wara li l-pulizija kellha informazzjoni dwar l-imputata, nhar is-7 ta' Novembru 2007, hija ġiet imwaqqfa bil-vettura tagħha ġewwa l-Furjana u għalkemm ma nstab xejn la fuq il-persuna tagħha u lanqas fl-istess vettura, waqt illi l-pulizija kienu fir-residenza tagħha, fejn ukoll saret tfittxija, hija għaddietilhom *pouch* b'sustanza suspettata droga. Qieset ukoll

illi mill-konklużjonijiet tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, maħtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, jirriżulta s-segwenti:

a) Li t-trab kristallin ta' lewn *off-white* li kien hemm fid-dokument 693/07/03 kien *citric acid*. Din is-sustanza għalkemm mhiex ikkontrollata bil-liġi tista' tiġi wżata fit-teħid tad-droga eroina;

b) Li nstabu traċċi tas-sustanza eroina fuq iż-żewġ biċċiet ta' *foil* li kien hemm fid-dokument 693/07/01 u l-miżien elettroniku li kien jaħdem li kien fid-dokument 693/07/03;

c) Li t-trab u s-sustanza ta' lewn kannella li kien hemm f'erba' boroż tal-plastik fid-dokument 693/07/03, f'ammont nett totali ta' 98.96 grammi, instabet fihom is-sustanza eroina. Il-purita` medja tat-trab u s-sustanza ta' lewn kannella għas-sustanza eroina kienet ta' ċirka ta' 34.07%;

d) Li t-trab ta' lewn *off-white* li kien hemm f'żewġ boroż tal-plastik fid-dokumenti 693/07/02 u 693/07/03 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 22.49 grammi, instabet fihom is-sustanza kokaina. Il-purita` medja tat-trab ta' lewn *off-white* għas-sustanza kokaina kienet ta' ċirka 41.13%. Is-sustanzi eroina u kokaina huma kkontrollati bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-prezz totali bl-imnut tad-droga illegali misjuba, u dan skont ir-rapport ta' Malta bit-titlu "2008 – 2010 National Report to the EMCDDA by the Reitox National Focal Point" u ċioe` ta' 98.96 grammi ta' eroina (prezz ta' €8070.19) u 22.49 grammi (prezz ta' €1917.72) kien ta' ċirka €9988.

Qieset għalhekk illi f'dan il-każ, l-imputata kellha fil-pussess tagħha ammont pjuttost sostanzjali ta' droga, b'mod partikolari droga eroina.

Ikkunsidrat ukoll in oltre l-istqarrija rilaxxjata minn Clive Tanti, liema stqarrija ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta nhar 1 ta' Settembru 2007 u skont liema, l-istess Tanti indika lill-imputata odjerna bħala l-persuna li fornietu bid-droga eroina fi tliet okkażżjonijiet fil-ġimgħa tal-arrest tiegħu. Din ix-xhieda ġiet ikkonfermata wkoll mill-istess Tanti fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Qieset ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputata mill-*Probation Officer* Deborah Farrugia, mil-liema jirriżulta illi fiż-żmien li fih ġie redatt dan ir-rapport, hija kienet qegħda tiskonta piena ta' priġunerija, liema piena kien mistenni li tiġi skontata f'Novembru 2019 u li fil-ħabs, l-istess imputata kienet qegħda taħdem bħala ħajjata u għamlet diversi korsijiet fosthom dwar *Positive Parenting, Food Handling, First Aid* u *Technical Drawing* li għalihom kisbet ċertifikati. Jirriżulta wkoll illi l-imputata kienet tabbuża mid-droga u anke mill-alkoħol, iżda tliet testijiet tal-kampjuni tal-urina li sarulha ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin f'Settembru u f'Diċembru 2015 u f'Jannar 2016, irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Skont l-istess relazzjoni, l-imputata ma kellhiex trobbija feliċi u meta żżewġet ta' tmintax-il sena, żewġha kien daħħalha fil-prostituzzjoni. Sussegwentement, iltaqgħet ma' raġel ieħor li wkoll kien imdaħħal fil-kriminalita`. Kien meta ltaqgħet mas-sieħeb attwali tagħha madwar sitt snin ilu, illi hija ħadet id-deċiżjoni li trabbi l-għaqal. Jidher illi l-imputata wżat iż-żmien tagħha ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin b'mod siewi u li jista' jkun ta' għajnuna għaliha la darba tiskonta l-piena tagħha u qegħda tagħmel l-almu tagħha sabiex tirriforma ruħha.

Ikkunsidrat ukoll illi minkejja li dan il-każ jirrisali għal Novembru tas-sena 2007 u minkejja wkoll illi s-smiegħ tal-kawża beda f'Jannar 2010, wara illi l-Prosekuzzjoni ntavolat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Frar 2009, fil-maġġor parti tiegħu d-dewmien f'dawn il-proċeduri kien dovut għal raġunijiet imputabbli lill-imputata jew lid-difiża. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha f'Novembru 2013 u għalkemm seduta waħda ma saritx fuq ordni tal-Qorti stante illi l-Maġistrat sedenti ġie elevat għal Imħallef, biss sa Novembru 2013, l-imputata ma dehritx għal tliet seduti, minkejja li ġiet notifikata (dwar seduta minnhom, esebiet ċertifikat mediku). Wara Novembru 2013, meta allura l-kawża kienet għall-provi tad-difiża, kien hemm seba' seduti li fihom l-imputata dehret mingħajr l-avukat tagħha, tliet seduti li fihom ma dehritx minkejja li ġiet notifikata (għalkemm f'seduta minnhom kien hemm theddida ta' bomba u għaldaqstant is-seduta kellha tiġi sospiża) u f'total ta' sittax-il seduta għall-provi tad-difiża, nstemgħet biss xhud wieħed ossia l-*Probation Officer* Deborah Farrugia.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) tal-istess Kap. 9 in kwantu t-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (ċ) miġjuba konta tagħha u qed tikkundannaha għall-piena ta' sittax-il xahar priġunerija effettiva u piena ta' multa ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Stante illi din ġiet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru (i).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' sitt mija u tlettax-il ewro, erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€613.74), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien sena mil-lum.[3]

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga, esebiti f'dawn il-proċeduri, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[3] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Photographer* PC 453 Brian Cassar u dan stante illi ma ġiex hekk maħtur la mill-Maġistrat Inkwirenti fl-istadju tal-inkjesta u lanqas mill-Qorti matul dawn il-proċeduri.